**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 40/2020 AF**

**EG Overseas Services B.V.**

**vs**

**Net Gaming Group Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' EG Overseas Services B.V., li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici tforni servizzi ta' *live casino services* lis-socjetà konvenuta, fuq bazi B2B, li hija operatur fis-settur tar-'remote gaming' lill-pubbliku.

Is-socjetà konvenuta, naqset milli thallas lis-socjetà attrici fuq il-fatturi li inhargulha ghal tali servizzi rezi mis-socjetà attrici, u sal-gurnata tal-lum hemm bilanc pendenti ta' sitt mija u sitta u hamsin elf u erba' u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centemzu (€656,045.21c) dovuti lis-socjetà attrici mis-socjetà konvenuta bhala import tal-fatturi numri EGO18-483, EGO18-560, EGO19-020, EGO19-038, EGO19-114, EGO19-130, EGO19-094 u EGO19-151 (li kopja taghhom jinsabu hawn annessi, eseibiti u mmarkati bhala Dok. A (a) – (g), rapprezentanti *set-up fees* u *integration fees* ghal provvista lis-socjetà konvenuta ta' *live casino platform* inkluz *set up fees* ghall-imwejjed varji tal-loghogb fizici armati fl-istudios tas-socjetà konvenuta, fosthom *dedicated tables* tar-roulette, u *commission fees*.

Nonostante li s-socjetà konvenuta giet interpellata diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficcjali sabiex thallas l-ammont minnha dovut, u minkejja bosta weghdiet da parti taghha li ser thallas l-ammont kollu ghas-saldu, xorta wahda baqghet inadempjenti.

L-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjetà attrici, s-socjetà konvenuta m'ghandha ebda eccezzjonijiet validi x'tissolleva kontra t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, huma applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawa bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija debitur tas-socjetà attrici fl-ammont komplessiv ta' sitt mija u sitta u hamsin elf u erba' u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centemzu (€656,045.21c); u

2. Konsegwentement, tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-ammont komplessiv ta' sitt mija u sitta u hamsin elf u erba' u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centemzu (€656,045.21c).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali Nru. 942/19 datata 13 ta' Marzu 2019, u debitament notifikata fl-20 ta' Marzu 2019, tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 336/19, u bl-imghax kummercjali li ghandu jiddekorri mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjetà konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjetà intimata, minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma dehritx fil-Qorti ghas-smigh tal-kawza.

Semghet lix-xhud viva voce.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Net Gaming Group Limited hija debitrici ta' EG Overseas Services B.V. fl-ammont ta' sitt mija u sitta u hamsin elf u erba' u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centemzu (€656,045.21c); u

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Net Gaming Group Limited thallas lil EG Overseas Services B.V. is-somma ta' sitt mija u sitta u hamsin elf u erba' u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centemzu (€656,045.21c), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Net Gaming Group Limited.

IMHALLEF

DEP/REG